MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 2158/2004

**Emmanuel Delicata & Sons Limited (C28292)**

**Vs**

**Adrian Bajada f'ismu proprju u kif ezercitanti l-kummerc f'isem 'Mustang American Bistro'**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm260.78c) rapprezentanti prezz ta' xorb mibjugh u kkonsenjat.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezenta l-ebda Risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza u li s-socjeta’ attrici cediet il-kawza fir-rigward tas-sorte izda nsistiet fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi wara li l-konvenut gie debitament notifikat huwa hallas il-mertu tal-kawza izda ma hallasx id-drittijiet u l-ispejjez tal-kawza.

Jirrizulta ghalhekk illi fil-mument li giet intavolata l-kawza l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici kien dovut mill-konvenut u li l-konvenut ghadda biex hallas biss wara li gie notifikat bil-kawza u ghalhekk ghandu jhallas ukoll id-drittijiet u l-ispejjez tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fuq il-kap ta’ l-ispejjez u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------